

31990L0119

17.3.1990

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 71/36

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tal-5 ta' Marzu 1990
dwar it-tniissil minn razza differenti tal-majjali ta' l-ifrat

(90/119/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 88/661/KEE tad-19 ta' Diċembru 1988 dwar il-livelli żootekniċi applikabbli għall-annimali ta' l-ifrat tar-razza tal-majjali⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi d-Direttiva 88/661/KEE kienet partikolarment maħsuba biex tilliberalizza gradwalment il-kummerċ intra-Komunitarju fil-majjali ta' l-ifrat ta' razez differenti; billi, għal dan l-iskop, hija meħtiġa l-armonizzazzjoni addizzjonali fir-rigward ta' l-aċċettazzjoni ta' tali annimali, għall-iskopijiet tat-trobbija.

Billi d-disposizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċettazzjoni għall-ifrat li għandu x'jaqsam kemm ma' l-annimali kif ukoll mas-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom;

Billi, f'dan ir-rigward, huwa maħtieġ biex jiġu evitati disposizzjonijiet nazzjonali għall-aċċettazzjoni għall-iskopijiet ta' l-ifrat ta' majjali ta' l-ifrat ta' razez differenti u s-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom, illi jikkostitwixxu ostaklu jew jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-kummerċ intra-Komunitarju fil-każ tas-servizz naturali, l-inseminazzjoni artifiċjali u t-teħid ta' l-ova jew l-embrijuni;

Billi l-majjal ta' razez differenti kemm femminili kif ukoll maskili, is-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom m'għandhomx ikunu soġġetti għall-projbizzjoni, restrizzjoni jew ostaklu fir-rigward tat-tniissil;

Billi d-disposizzjoni li s-semen, ova u embrijuni jridu jkunu manipolati minn *staff* approvat uffiċjalment li hu kapaċi jipprovdi li l-garanziji neċessarji għal ksib ta' dan l-iskop aħħari;

Billi fid-dawl tal-kondizzjonijiet partikolari li jeżistu fil-preżent fi Spanja u fil-Portugal huwa meħtiġ illi jitwaqqaf perjodu itwal għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva f'dawk l-Istati Membri,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, mingħajr preġudizzju għar-regoli tas-saħħa ta' l-annimali, m'hemm l-ebda projbizzjoni ta' jew ostaklu għal:

- l-aċċettazzjoni ta' majjali femminili ta' razez differenti għall-ifrat,
- l-aċċettazzjoni ta' majjali maskili ta' razez differenti għal servizz naturali,
- l-użu ta' ova u embrijuni minn majjali femminili ta' razez differenti ta' l-ifrat.
- l-użu tas-semen ta' l-annimali msemminjin fit-tielet inċiż,
- l-aċċettazzjoni, għal testijiet uffiċjali, ta' majjali ta' l-ifrat maskili ta' razez differenti jew l-użu tas-semen ta' tali majjali flimiti kwantitattivi għat-testijiet tas-sorveljanza ta' l-andament u l-analiżi tal-valur ġenetiku tagħhom li għandhom isiru,
- l-użu ta' l-ova u l-imbrijuni minn majjali femminili ta' l-ifrat ta' razez differenti.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jassiguraw illi, bla ħsara għar-regoli tas-saħħa ta' l-annimali, għall-*marketing*, is-semen, l-ova u l-embrijuni jkunu miġbura, trattati u maħżuna minn ċentru approvat uffiċjalment jew persunal approvat uffiċjalment.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ, dawk ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex iħarsu din id-Direttiva mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 1991. Huma għandhom jinfurmaw mill-ewwel lill-Kummissjoni b'dawn minnufih.

Madanakollu, ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża għandu jkollhom il-perjodu addizzjonali taż-żmien ta' sentejn fliema għandhom iħarsu din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-5 ta' Marzu 1990.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. WALSH

⁽¹⁾ ĠU L 382, tal-31.12.1988, pġ. 36.